**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ONOR. MAĠISTRAT LARA LANFRANCO MA Law (Melit), B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Kontra**

**Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan**

**I**llum l-24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan ta' 41 sena, bin Ali u Fatima, mwieled Tunisa nhar is-27 ta' Gunju 1982, rminghajr indirizz fiss, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0049044A, illi tressaq taħt arrest nhar l-24 ta' Ottubru 2023 akkużat talli:

**1. Nhar it-22 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' l-erbgha neqes ghoxrin ta wara nofsinhar (15:40hrs), ġewwa l-Ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara, għamel resiztenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' Ps 1037 Saviour Mifsud, li hu persuna nkarigat skont il-Liġi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi fl-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' Ordni mgħotija skont il-Liġi mill-Awtorita' kompetenti;**

**2. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas minn li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn Ps 1037 Saviour Mifsud, li hu uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma ħallijhomx jaqdi, jew fixkel jew indaħal lil imsemmija uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethu;**

**3. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;**

**Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**In oltre il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtá tal-imsemmi Ps 1037 Saviour Mifsud, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni favur Ps 1037 Saviour Mifsud u l-familjari tieghu, u dan skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Rat d-dokumenti kollha eżebiti mill-prosekuzzjoni matul il-preżentata ta' din il-kawża.

Semgħet lill-uffiċjal prosekutur jikkonferma bil-ġurament l-akkuża kif miġjuba quddiem din il-Qorti.

Semgħet illi wara li din il-Qort saqsiet lill-imputat ai termini tal-artikolu 392(1)(b) Tal-Kapitolu 9 x'iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu, Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan irreġistra ammissjoni quddiem din il-Qorti kif ippreseduta fejn wara li din il-Qorti spjegat ir-riperkussjonijiet ta' din l-ammissjoni u wara li tat wkoll żmien xieraq sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni, hu tenna l-istess.

Semgħet ukoll lill-imputat jitlob skuża in sede lil PS1037 Saviour Mifsud li kien preżenti quddiem din il-Qorti tal-imġieba tiegħu fil-konfront tiegħu għar-rigward din il-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni magħmula mill-akkużat seduta stante liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-ġdid minnu matul l-istess seduta, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li ssibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom.

Għal dak li jirrigwarda l-piena konċernanti l-akkużat, din il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, in-natura u l-gravita' tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, iċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll l-apoloġija li l-imputat għamel seduta stante lil PS1037 Mifsud.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 95, 338(dd), 338(ee), 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Qed issib illi imputat Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qedgħa tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi ma jikkomettix reat ieħor fi żmien tnax-il xahar millum (12).**

**In oltre wara li rat l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti qegħda tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' multa ta' tmien mitt Euro (€800) pagabbli b'rati mensili fl-ammont ta' €50 fix-xahar u liema multa għandha titħallas sa mhux aktar tard minn sittax-il xahar millum (16) biċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fin-nuqqas ta' pagament kif dettat.**

**Għal dak li jirrigwarda l-ispejjez taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ma jidhirx mill-atti proċesswali illi sa dan l-istadju tal-proċeduri kien hemm xi spejjez minn dawn li għandhom jitħallsu u għaldaqstant dawn mhux ser jiġu ordnati fil-konfront tal-imputat.**

**Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-ħati u aċċertat ruħha illi l-imputat fehem l-import tal-piena u l-obbligazzjonijiet fuqu u r-riperkussjonijiet jekk hu jonqos milli josserva l-istess.**

**DR. LARA LANFRANCO**

**Maġistrat** **Deputat Reġistratur**